MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 958/2009

***James Galea (ID 224582(M) u
Mariel Vella (ID 192507 L)***

***Vs***

***Gumma Mohammed Amhamed***

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tal-atturi li ppremettew illi kienu nkarigaw lill-konvenut sabiex iwettaq appalt li kien jikkonsisti fi tqeghid ta' soffit fid-dar li huma xtraw flimkien. Illi l-konvenut ma wettaqx dan l-appalt skond l-arti u s-sengha. Illi b'hekk minhabba fix-xoghol hazin tal-konvenut, l-atturi ser isoffru danni, liema danni ma jaqbzux is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000).

L-atturi, ghalhekk talbu lil dan it-Tribunal (i) jiddikjara li l-konvenut wettaq xoghol ta’ appalt mhux skond is-sengha u l-arti (2) tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba f’dan in-nuqqas u (3) tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra bonarja tat-2 ta’ Settembru, 2009 u bl-interessi.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol de quo sar skond is-sengha u l-arti.

Ra x-xhieda tal-attur Galea, li jghid kif hu u t-tfajla tieghu kienu akkwistaw *maisonette* fi Triq Santa Marija, Had Dingli u biex jiksu l-post kienu nkarigaw lill-konvenut u dan kien fl-2008.

Wara li kien ghamel il-kisi kollu mehtieg, kien talbuh jaghtihom stima sabiex jaghmillhom suffitt ghall-kcina. Kien gab xi stimi ohra, pero’, peress li kellu relazzjonijiet tajbin mal-konvenut u peress li kien diga’ hadimlu, ddecieda li jaghtih dina l-bicca xoghol.

Kien hemm xi zmien li s-suffitt baqa’ bl-istruttura tal-hadid. L-attrici kienet inkarigat “*designer*” sabiex jiddisinjalha s-salott u kien induna li kien hemm difetti fis-suffett.

L-attur jispjega li hu ma kienx emmnu ghaliex haseb li ried li jiehu aktar xoghol, izda wara li l-konvenut lesta x-xoghol u hallsu, induna li s-suffett kien maqlub u kull min rah kien qallu li kien maqlub, b’tali mod li ma setghax jitranga.

Kien inkarigah ukoll biex jiksilu x-xaft u jdurlu l-appoggi fuq wara.

L-attur ighid li ma kienx dispost li jhallas lill-konvenut ghax-xogholijiet li kien ghamel fix-xaft, diment li dan ma kienx ser jipprova jirranga s-suffett.

Il-konvenut baqa’ jwebbes rasu, li kien ghamel xoghol sew u ghalhekk ried jithallas, u peress li spiccaw jargumentaw, l-atturi fethu dina l-kawza.

L-attur qed jitlob id-danni minghand il-konvenut u dan ghaliex is-suffett ma jistax jinqala qabel ikun hemm konferma tal-Qorti u lanqas ma seta’ jkompli l-kisi tal-appoggi.

Ra x-xhieda tal-attrici l-ohra li kkonfermat id-deposizzjoni tal-attur.

Ra x-xhieda ta’ Pierre Aquilina li kien *self-employed* jahdem fi tqeghid ta’ *gypsum boards* u soffitti. Kien gie mitlub mill-atturi sabiex jaghti stima ghas-suffett tas-salott. Peress li dan is-soffitt kellu jaqbad mas-soffitt tal-kcina, induna li s-soffitt kien maqlub, kif ukoll li z-zebgha kienet saret kollha “*patches*,” u peress li kienet hoxna, kien jirrikjedi li qabel ma tinghata z-zebgha kellu jsir l-ixkatlar.

Ix-xhud jikkonferma ukoll illi kif kien is-soffitt,  ma setax jtitranga u kien jehtieg li jinqala’ kollu.

Ra x-xhieda tal-Perit Aaron Abela, li kien gie inkarigat mill-atturi sabiex jezamina s-suffitt li kien hemm fil-kcina u kkonferma li anke mad-daqqa t’ghajn dan is-suffett kien jidher li hu maqlub u meta ha l-qisien kien jirrizulta li kien maqlub b’zewg centimetri.

Jispjega li suffett isir sabiex jinhbew difetti li jkun hemm fl-istruttura u ghalhekk ix-xoghol ghandu jsir skond is-sengha u l-arti u ma jkunx hemm dizlivelli, pero’ f’dan il-kaz kien hemm u sabiex jitnehhew, kien jehtieg li s-suffett jerga’ jinbidel u jsir suffett mill-gdid. Alternattiva ohra hija li jsiru x-xogholijiet sabiex s-suffett isir invell.

Ra x-xhieda tal-konvenut, li kkonferma li kien hadem fil-fond, proprjeta’ tal-atturi u li kien ghamel xoghol ta’ gibs fis-soqfa, kif ukoll fix-xaftijiet u cioe’ fuq barra u ta’ dan ix-xoghol kien thallas anqas minn elfejn Ewro (€2,000) u kienu cirka xi sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650) u kien thallas wara li tlesta x-xoghol.

Ix-xoghol ta’ barra kien sar bl-idejn u ghalhekk ftit jew wisq, xi difetti ser ikun hemm u kien qabel mal-Perit Abela li kien hemm xi difett zghar.

Meta talab lill-atturi ghal pagament, l-attur ma kienx dispost li jhallas u dan peress li kellu xi lmenti fuq ix-xogholijiet li kien ghamel qabel. Kien ghalhekk li waqqaf ix-xogholijiet mill-ewwel.

Jaqbel mal-Perit Abela, li dawn id-difetti kienu tali li setghu gew arrangjati u dan fejn jirrigwarda l-parti tonda. Kien hemm biss xi gurnata xoghol.

Ra x-xhieda tal-Perit Joseph Saliba, li kien perit inkarigat mill-konvenut sabiex jezamina x-xogholijiet ta’ gypsum li kien ghamel fis-suffett tal-kcina tal-atturi.

Ighid li l-attur kien ilmenta li kien qed jara xi problemi ta’ qlib f’dan is-saqaf tal-gypsum, pero’ jghid li vizwalment ma ra xejn.

Ighid ukoll li diment li ma jkunx hemm talba ghall-“*specifications*” partikolari, jsir ftehim verbal bejn il-partijiet ghal dan ix-xoghol.

F’dan il-kaz ma kien hemm l-ebda “*specifications*” mnizzlin, u cioe’ ma kienx gie stipulat l-ammont ta’ qlib illi wiehed seta’ jippretendi li jkun hemm jekk isiru x-xogholijiet, pero’ x-xoghol kellu jsir skond is-sengha u l-arti u din kienet l-aktar haga importanti.

Dan ix-xoghol partikolari kien jirrikjedi li jsir xoghol bl-invell u mhux b’laser u ghalhekk kellu jsir manwalment.

Jikkonferma li ma kienx ha invell mieghu, izda ma kienx hemm bzonn t’ghodda sabiex jivverifika d-dizlivell.

Jispjega illi s-soqfa tal-gypsum isiru kemm estetikament jew sabiex inehhi d-dizlivelli li jkun hemm.
Li kieku kien hemm qlib, kien ikun ahjar li jitnehha s-saqaf , pero’ f’dan il-kaz, ma kienx jidher li hemm qlib u jekk kien

jirrizulta minhabba l-uzu tal-*laser*, dawn id-difetti setghu jitnehhew billi jsiru xogholijiet fuq is-saqaf ezistenti.

Ighid ukoll li sabiex isiru tibdiliet ikun mehtieg li jew issir kisja sew mill-gdid jew inkella l-vireg tal-*aluminium* jitressqu ftit sabiex jitnehha d-dizlivell li hemm.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Dan it-Tribunal ghandu jevaluwa tlett talbiet tal-atturi u l-ewwel talba hija sabiex dan it-Tribunal jiddikjara li l-konvenut ma kienx ghamel xogholu skond is-sengha u l-arti.

Il-konvenut kien gie inkarigat ghat-tieni darba, mill-attur sabiex jaghmel xi xogholijiet fil-post tieghu u precizament, mertu ta’ dan il-kaz, kien li jaghmel soffit tal-gypsum fil-kcina.

L-atturi rrifjutaw li jhallsu lill-konvenut ghaliex kienu lmentaw li kien hemm xi qlib fis-soffitt. Dan kien irrizultalhom meta kienu nkarigaw lill-persuna ohra sabiex taghtihom stima ghal-suffitt ghas-salott.

Dina l-persuna tressqet bhala xhud u kkonfermat li kienet indunat li kien hemm qlib fis-soffitt, u dan kien evidenti ghaliex ma setax igongi mas-soffitt l-iehor.

Dan il-qlib gie ukoll ikkonfermat mill-Perit inkarigat mill-atturi stess, il-Perit Aaron Abela, li kkonferma li kien hemm ammont zghir ta’ qlib u kkonstata illi:-

***“It could be noted that the underside of the false ceiling is not perfectly aligned but is tilted by 1.9cms from one extremity to the other. Moreover the protruding circular part does not have a uniform thickness but varies from a minimum of 8.80cms to a maximum thickness of 12cms, providing a change of thickness of 3.2cms. In addition, the vertical member, which forms part of the false ceiling, separating the***

***living room from the kitchen has a discrepancy in thickness of more than 1 cm in a horizontal distance of less than 2.70m."***

Il-konvenut jaccetta li kien hemm xi difetti, pero' dawn kienu minimi u setghu jigu arrangjati facilment. Pero', ciononostante, l-Perit inkarigat mill-konvenut sabiex jezamina ix-xogholijiet li kien ghamel, ma rrizultalux li kien hemm xi qlib li kien vizibbli,minkejja li ma kienx ha invell mieghu.

Apparti minn hekk il-Perit jispjega li diment li ma jkunx hemm "*specifications"* msemmija mill-partijiet dwar kemm kellu jkun il-qlib, kollox huwa permissibbli, diment li jsir skond is-sengha u l-arti.

Minn dawn il-provi prodotti, huwa evidenti li xi percentagg ta' qlib kien hemm u anke jekk kien minimu, dan aktar jikkonferma li seta' kien hemm, ghaliex l-unika persuna li ma kkonfermax dan il-qlib kien il-Perit ingaggat mill-konvenut, li ma kellux invell, l-istrument li kien mehtieg sabiex jikkonferma dak li kien gie mitlub jikkonstata.

Ghalhekk, anke jekk ma kienx hemm "*specifications*," jidher li x-xoghol ma kienx sar sew u cioe' skond is-sengha u l-arti.

Ikkonsidra inoltre:

Gew proposti diversi alternattivi sabiex tigi rrimedjata s-sitwazzjoni, wahda hija li s-suffett jerga' jinbidel u jsir suffett mill-gdid. Alternattiva ohra hija li jsiru x-xogholijiet sabiex s-suffett jsir invell. Dan gie propost mill-Perit Aaron Abela.

Il-Perit Joseph Saliba jghid ukoll li sabiex isiru tibdiliet ikun mehtieg li jew issir kisja sew mill-gdid jew inkella l-vireg tal-*aluminium* jitressqu ftit sabiex jitnehha d-dizlivell li hemm.

Ghalhekk, fis-sustanza jidher li hemm qbil bejn il-Periti ta' liema xogholijiet rimedjali jistghu jsiru. Ix-xhud Pierre

Aquilina li kien jaghmel xoghol ta' gypsum stqarr li jkun ahjar li dan is-suffitt jerga' jinqala u jsir mill-gdid, spejjes a karigu tal-konvenut.

In vista ta' dak kollu li ghadu kemm issottolinea dan it-Tribunal, jasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut ma wettaqx ix-xogholijiet tieghu skond is-sengha u l-arti u sabiex isir ix-xoghol rimedjali u skond l-arti u sengha u ghalhekk a soddisfazzjon tal-atturi, is-suffett ghandu jinbidel u jsir suffett mill-gdid, skond kif issugerixxa l-Perit Aaron Abela fir-rapport tieghu "…*the soffit has to be dismantled and re-erected in the correct alignment."*

Madanakollu t-Tribunal josserva ukoll illi l-atturi ma tawx indikazzjoni ta' xi spejjez hemm sabiex isir x-xoghol rimedjali u lanqas il-Periti u lanqas ix-xhud Pierre Aquilina ma ta indikazzjoni, minkejja li kien gie nkarigat jaghti stima ghax-xogholijiet riparatorji. Kulma jghid l-attur huwa li ma kienx hemm aktar minn elfejn Ewro (€2,000), pero' in ogni caso dan jirrapprezenta l-massimu ta' l-ispejjez.

Ma tkunx haga gusta jekk dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma massima, jekk mhux il-kaz. Ghalhekk, tkun haga aktar gusta jekk dan it-Tribunal, minhabba li m'ghandux indikazzjoni jew stima preciza fuq ix-xogholjiet rimedjali, jordna li lill-konvenut jaqla u jerga' jaghmel soffit gdid a spejjes tieghu fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza u fin-nuqqas dan ix-xoghol ghandu isiru mill-atturi  a spejjez tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi

(a) Jilqa' l-ewwel talba attrici;

(b) In kwantu jirrigwarda t-tieni u t-tielet talba jikkundanna lill-konveNut jaghmel ix-xogholijiet rimedjali that id-direzzjoni tal-Perit Abela li qed jigi nominat ghal dan l-iskop a spejjez tieghu u dan fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza u fin-nuqqas l-istess xogholijiet ghandhom isiru mill-atturi dejjem taht id-direzzjoni tal-istess perit Abela  a spejjez tal-konvenut.

L-ispejjez kif mitluba a kariku tal-konvenut mid-data ta' dina l-kawza. Minhabba dak li intqal supra dwar l-ammont, l-imghax mhux qed jigi akkordat imma dan ma jaffettwax il-kap tal-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------